Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/39*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 39 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu, 2016 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-38

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Revised Financial Statements 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv kien qassam id-dokument tal-Financial Statements (Revised) 2015 ippreparat mill-Accountant Sharon Zammit lill-membri kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Financial Statments 2015 kellhom jiġu riveduti għar-raġuni li meta għadda l-financial statements tas-sena 2014 lill-Accountant biex tkun tista' tieħu l-opening balances bi żball għaddilha kopja tal-financial statements tas-sena 2014 ta' qabel saru l-aġġustamenti tal-Awditur. Għalhekk kien hemm varjazzjoni li riedet tiġi ikkoreġuta. Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements (Revised) 2015. Dawn l-statements għad jistgħu ikunu aġġustati mill-udituri tal-Gvern peress li għad irid isir l-awditjar fil-jiem li ġejjien.

## 4. Offerti Nru 2015-04, 2015-05 u 2015-06

**Offerta Nru 2015-04 – Cleaning and Maintenance of Public Conveniences using environmentally friendly products.**

**Offerta Nru 2015-05 – Street and Road Cleaning Services in an environmentally friendly mannar at L-Għasri Gozo**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tar-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Bord għamel rapport wieħed dwar dawn iż-żewġ offerti. Is-Segretarju qara r-rapport tal-Bord:-

*Il-Bord iddiskuta l-offerti imsemmija hawn fuq. Fiċ-ċirkustanzi ġodda li żviluppaw wara r-rakkomandazzjoni tal-Ewwel Bord ta' Evalwazzjoni maħtur mill-Kunsill Lokali, dan il-Bord qed jirrakkomanda lill-Kunsill li l-ebda offerta ma' għandha tiġi aċċettata.*

*Din ir-rakkomandazzjoni għandha titgħadda lill-Kunsill Lokali Ghasri.*

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk l-ebda offerta m'għandha tiġi aċċettata. Is-Sindku ippropona ukoll li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa mill-ġdid għall-offerti. Il-Kunsill qabel b'erba' voti favur u astensjoni waħda mal-proposti tas-Sindku. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntratti preżenti għandhom jiġġeddu għal tlett xhur oħra sabiex is-servizzi kemm tat-tindif tal-latrina pubblika kif ukoll tat-tindif tat-toroq jibqa' jsir.

**Offerta Nru 2015-06 – Bulky Refuse Collection an environmentally friendly mannar at L-Għasri Gozo.**

Il-Bord ta' Evalwazzjoni maħtur fl-aħħar laqgħa informa lill-Kunsill li jaqbel mar-rakkomandazzjoni li saret mill-ewwel Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tar-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju qara r-rapport tal-Bord:-

*Il-Bord kellu a dispożizzjoni żewġ offerti waħda għan-nom ta' Chris Zammit fl-ammont ta' €3,000.00 u oħra sottomessa minn Godfrey Borg fl-ammont ta' €8.23.*

*Il-Bord analizza t-tender mitfugħa dwar il-kriterji amministrattivi u tekniċi.*

*Jirriżulta li l-offerta mitfugħa minn Godfrey Borg għandha Bid Bond valida għall-perjodu ta' tliet (3) xhur meta skond il-kriterji tat-tender, din kellha tkun ghall-perjodu ta' 150 jum. Madanakollu, il-Bord ikkomunika mas-Segretarju li kkonferma li Borg għandu Performance Guarantee attiva mal-istess Kunsill Lokali u jistà jibbenefika mill-użu ta' l-istess garanzija flokk il-Bid Bond mitluba. Mill-kumplament, iż-żewġ offerti kienu kollha konformi għall-kriterji amministrattiv u tekniċi.*

*Fuq analiżi tal-prezz mitfugħ mill-offerenti madanakollu ġie innutat li l-offerta mitfugħa minn Zammit hija over-budget peress li ġiet kwotata fl-ammont ta' €3,000.00 per collection u għalhekk ma tistax titqies peress illi dik ta' Borg hija fl-ammont ta' €8.23 per collection.*

*Għalhekk, il-Bord wara dawn il-konsiderazzjonijiet, jirrakkomanda li l-Kunsill Lokali għandu jagħżel l-offerta mitfugħa minn Godfrey Borg.*

*Din ir-rakkomandazzjoni għandha titgħadda lill-Kunsill Lokali L-Għasri.*

Is-Sindku ippropona sabiex il-Kunsill jaċċetta r-rakkomandazzjoni li kienet saret mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel b'erba' voti favur u astensjoni waħda mal-proposta tas-Sindku. Għalhekk il-Kunsill se jipproċedi sabiex jiġi iffirmat il-ftehim mal-kuntrattur Godfrey Borg għal dan is-servizz ta' ġbir ta' skart goff.

**5. Korrispondenza**

5.01 Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali informa lill-Kunsill dwar iz-Zika Virus.

5.02 Il-Contract Manager dwar Street Lighting l-Inġ. Renzo Curmi informa lill-Kunsill li qed jiltaqa' mas-Sindku jew rappreżentant sabiex jiġu diskussi l-problemi li hemm minn meta ġew installati l-lampi bis-sistema tal-LED mir-Reġjun ta' Għawdex. Is-Sindku ippropona li nibgħatu avviż lir-residenti biex kull minn għandu ilment dwar dawn il-lampi iressqu għall-attenzjoni tal-Kunsill u b'hekk ngħadduh lill-Inġ Renzo Curmi.

5.03 Il-Front Favur il-Mina stieden lill-membri kollha tal-Kunsill għal-Konferenza Nazzjonali li ser issir nhar is-Sibt 16 ta' April fil-Grand Hotel.

5.04 Fabian Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadda lill-Kunsilli Lokali korrispondenza ta' Marco Graziani mill-Fondazzjoni Temi Zammit (FTZ) dwar il-proġett Future of our Past (FOP).

5.05 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali dwar laqgħat li ser isiru biex tiġi spjegata s-sistema l-ġdida dwar ġbir ta' skart goff. Din is-sistema tinkludi li l-Kunsill irid japplika mal-MEPA biex ikun jista' jiddepożita skart fil-faċilitajiet tal-Wasteserv. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex ikolna il-permessi meħtieġa.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-39 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Laqgħa mal-Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Il-Kunsill kien talab sabiex issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex biex jiġu diskussi diversi suġġetti ta' interess għal lokalita tagħna. Il-talba kienet milqugħa u nhar l-4 ta'ġ Marzu l-Kunsill iltaqgħa mal-Onor. Anton Refalo fil-Ministeru għal Għawdex. Preżenti kien hemm ukoll il-Permanent Secretary John Borg, id-Direttur għal Proġetti u Żviluppi Mark Formosa, Assistent Manager Lorry Apap u Chief of Staff Christian Zammit. Matul il-laqgħa ġew diskussi problemi li jiltaqa' magħhom il-Kunsill fosthom dwar stat ta' toroq bħal Triq Wied L-Għasri, Triq il-Fanal u Triq Wied Sara. Ġie diskuss ukoll il-possibilta li fil-lokalita tagħna jsir playing field. Dwar Triq Wied L-Għasri u l-widien ġiet diskussa l-problema ta' tfigħ ta' skart b'mod abbużiv minn persuni irresponsabbli. Minn naħa tal-Ministeru talbu lill-Kunsill sabiex jagħmel sistema ta' CCTV. Il-widien huma responsabilta tal-Gvern Ċentrali iżda minkejja li qed jagħmlu tindif xorta qed jibqa' minn jabbuża u għalhekk jekk isiru s-CCTV inkunu nistgħu ngħinu biex tissolva din il-problema. Il-Kunsill talab ukoll sabiex permess li għandu l-Ministeru dwar il-bidu tal-wied fi Triq il-Knisja jiġi irtirat u b'hekk il-Kunsill ikun jista' japplika minn naħa tiegħu biex isiru xogħlijiet ta' tindif, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u tneħħija ta' siġar tal-Oleander li qed jimblukkaw l-istess wied. Il-Permanent Secretary talab lill-Kunsill sabiex jibgħatlu email dwar dan. Dwar Triq Wied L-Għasri ġie diskuss ukoll il-possibilta li tiġi livellata u tingħata wiċċ ġdid peress li fil-preżent hija l-aktar triq fi stat ħażin. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill diġa

għamel water culverts biex inaqqas mill-problema eżistenti. Minn naħa tal-Ministeru d-Direttur Mark Formosa qal li jistgħu jikkoperaw mal-Kunsill sabiex isir xi xogħol fuq din it-triq iżda mhux biex jingħata wiċċ ġdid għal bħalissa għandhom proġett kbir u għalhekk mhux ser ikollhom il-fondi meħtieġa.

Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew dwar il-laqgħa li kelna mal-Ministru għal Għawdex. Is-Sindku ippropona sabiex naraw kemm jiġu jiswew CCTV bis-sistema solari biex jiġu installati fi Triq Wied L-Għasri. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

7.02 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li Joseph Zammit ta' Triq il-Ġonna talab biex issir bankina mal-post tiegħu peress li m'hemmx. Is-Sindku ippropona li din it-talba ngħadduha lill-Gvern Ċentrali peress li banikini ġodda fejn m'hemmx huma responsabilta tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

7.03 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab lill-Kunsill sabiex jitħamlu l-widien fejn Sqaq il-Knisja u Triq it-Tamar peress li huma kważi ibblukkjati. Is-Sindku ippropona li nitolbu lill-Perit Mario Cordina sabiex jagħmel stima tax-xogħlijiet li hemm bżonn biex jitnaddfu dawn il-partijiet tal-wied.

7.04 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab lill-Kunsill sabiex fi Triq il-Knisja n-naħa ta' Triq Wied Sara isir parking bil-ħin. Is-Sindku ippropona sabiex qabel napplikaw għal xi skema tat-traffiku għandha issir spezzjoni fuq il-post minn naħa tal-Kunsill stess. B'hekk il-Kunsill jifhem aħjar il-problema li hemm. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk is-Sindku se jagħmel spezzjoni u wara jkunu jistgħu jsiru l-proposti dwar skemi tat-traffiku.

7.05 Sharon Mizzi ta' Triq il-Fanal talbet sabiex jitneħħa l-bank minn fuq il-bankina peress li qed jostakola l-istess bankina u anke peress li ser isiru xogħlijiet fil-post tagħha. Hija talbet ukoll biex meta jitlestew ix-xogħlijiet issir ukoll il-bankina peress li dik preżenti tinsab fi stat ħażin u perikoluża. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

7.06 Gudron Moggach ta' Triq Għammar ilmentat dwar ramel li tħalla fuq il-bankina minn residenti fi Triq il-Fanal wara li saru xi xogħlijiet fid-dar tagħhom. Il-Kunsill qabel li inkelmu lil dawn ir-residenti sabiex ineħħu dan ir-ramel li qed jimblokka l-bankina.

7.07 Alfred Saliba ta' Triq il-Knisja talab sabiex is-sinjali sofor li hemm fi Triq il-Knisja n-naħa ta' Triq Wied Sara jitwalu peress li meta jipparkjaw qed ikun hemm periklu li isir xi aċċident. Il-Kunsill diġa iddiskuta dwar dan is-suġġett aktar kmieni u s-Sindku għandu jagħmel spezzjoni fuq il-post biex jiġi deċiż x'inhu l-aħjar li jista' jsir.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' April, 2016 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |